**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 16 ta' Jannar 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**ROBERT BORG**

Kump Nru. 107/2003

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Robert Borg** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 105573M**,** gie akkuzat talli :

1. Fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru 2002 u l-1 t' Ottubru 2002, f' Tas-Sliema, ikkommettjet serq ta' flus kontanti u xi dokumenti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u l-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u dan sar ghad-dannu ta' David Norbert Schembri minn tas-Sliema;

2. U aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li saret ghad-detriment ta' David Norbert Schembri minn tas-Sliema ma tiskorrix il-Lm50 izda hija izjed minn Lm10;

3. Akkuzat aktar talli fit-30 ta' Settembru 2002 u fil-gimghat ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg, u cioe' il-flus u dokumenti msemmija aktar il-fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

4. Fl-ahhar nett akkuzat bi ksur tal-probation a tenur tal-Artikolu 5 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kont gejt misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 8 ta' Frar, 2001, u lliberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu u talli sirt ricediv b;diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 23 ta' Mejju 1996, 3 ta' Novembru 1998 u 15 ta' Gunju 1999, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-31 ta` Lulju 2008 (ara *folio* 230) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2009 (ara *folio* 238);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Rat il-provvediment taghha moghti fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2016 fejn din il-kawza thalliet ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process, u dana peress illi kif inhu f'dan il-kaz, dak kollu li jirrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

Fil-qosor, dak li kkaratterizza din il-kawza kien is-segwenti.

Irrizulta illi bejn it-8.30pm tat-30 ta` Settembru 2002 u l-ghada filghodu ghall-habta tas-7.00am ta` l-1 ta` Ottubru 2002, sehhet serqa mill-fond *ossia* mahzen li jinsab 50, Triq in-Nazzarenu, Sliema, mahzen li jinsab taht blokk ta` appartamenti f'lokalita` residenzjali. Allegatament, f'din is-serqa bi sgass (u waqt dan l-isgass irrizulta li kienet saret hsara volontarja), kienu nsterqu zewg fliexken kbar li kien fihom circa LM4,000 f'muniti, kif ukoll *safe* zghir li kien fih xi mitt lira maltin u xi *out-dated* cheques. Dan il-mahzen kien allegatament jintuza ghall-manifattura tad-*detergents*.

Irrizulta illi d-derubat David Norbert Schembri kien issuspetta fl-imputat peress illi ghal xi gimghat qabel, l-istess imputat kien qed imur fil-mahzen imsemmi u jqatta l-hin hemmhekk u f'okkazjoni partikolari l-imputat kien ukoll irrimarka xi haga dwar il-fliexken kbar li kien fihom flus bhala muniti.

Ix-xhud Victor Farrugia (ara *folio* 50 *et seq*) jixhed illi f'dik il-lejla in kwistjoni huwa kien ra zewg persuni hergin mill-fond in kwistjoni b'zewg fliexken kbar u li wiehed minn dawn it-tnejn kien gharfu bhala Robert Borg l-imputat, li f'idejh kellu flixkun tal-plastic kbir. Rahom hergin mill-bieb tal-mahzen u rahom jigru.

Ix-xhud Johann Zammit jixhed illi fil-1 ta` Ottubru 2002, ghall-habta tas-6.30pm, kien lemah lill-imputat Robert Borg diehel fil-hanut tad-Diadora fil-Hamrun.

Ix-xhud Paul Galea (ara *folio* 211 *et seq*) jixhed li kellu hanut taz-zraben 'Diadora My Fair Lady" gewwa l-Hamrun, pero` (<u>konvenjentement</u> – enfasi tal-Qorti) jixhed li ma kienx jista jiftakar dwar il-kwistjoni li kien mar persuna sabiex isarraf xi muniti.

Id-depozizzjoni tax-xhud David Schembri li tinsab *a folio* 144 *et seq* hija wahda li tipponta sew lejn l-imputat bhala l-persuna jew wiehed mill-persuni li kkommettew is-serqa fil-lejl in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi a bazi tar-rizultanzi processwali din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li l-imputat kien passabbli ghar-reat ta` serq bl-aggravji indikati kif ukoll ghar-reat ta` hsara volontarja.

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-kuntest tas-sanzjoni applikabbli, jigi osservat is-segwenti.

Dwar ir-recidiva l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi esebiti in atti u li jinsabu *a folios* 127 u 134. Il-prova li saret permezz ta` dawn iz-zewg sentenzi hija wahda skond il-ligi u konsegwentement tqis lill-imputat bhala li huwa recidiv skond il-ligi.

Bis-sahha tas-sentenza li tinsab *a folio* 138, saret il-prova skond il-ligi illi l-imputat kkommetta r-reati addebitati lilu f'din il-kawza waqt li huwa kien taht ordni ta` probation.

**Decide.**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 51, 289, 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 278, 279, 280, 281, 334(a), 325(1)(c) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Robert Borg, bhala recidiv, hati ta` l-imputazzjonijiet (1), (2) u (4) kif dedotti kontra tieghu – izda ma ssibux hati ta` l-imputazzjoni (3) stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni - u tikkundannah komplessivament ghal prigunerija ta` tmintax-il (18) xahar.**

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra ta` l-esperti u periti. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur